MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 174/2011

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C B, Direttur tar-Registru Pubbliku u**
**l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratrici Legali**
**Liliana Buhagiar kuraturi deputati nominati sabiex**
**jirrapprezentaw lill-minuri G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu ilu separat de facto minn ma' martu l-konvenuta C B mit-22 ta' Gunju 2010, u minn dak iz-zmien 'il quddiem ma' kellux relazzjonijiet intimi aktar maghha; li f' Settembru 2010 l-istess konvenuta dahlet f' relazzjoni u bdiet tikkoabita ma' ragel iehor, bl-isem ta' Prince Nuri; li minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel G fl-4 ta'

April 2011, izda fl-att tat-twelid numru 1339/2011 it-tifel gie registrat bil-kunjom ta' l-attur; li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifel; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] previa kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opera, occorrendo, ta' periti nominandi biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici kif kontemplat fl-Artikolu 70(1) (d) u (3) tal-Kodici Civili, tiddikjara illi l-minuri G maghruf bil-kunjom B ma huwiex iben l-attur; [2] tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi G maghruf bil-kunjom B li jgib in-numru li jmiss ta' iskrizzjoni 1339/11 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "Eta'", "Fejn twieled", "Fejn joqghod" u " Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown" jew kull isem jew dettall iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi kontra l-konvenuta C B. Il-konvenuti kollha ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta C B ammettiet li t-tifel mhuwiex ta' l-attur izda ta' certu V B L;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li fiha rrefera ghal artikoli 70[1] u [3] tal-Kap.16;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel G, li twieled minn martu, il-konvenuta C B, fl-4 ta' April 2011, mhuwiex il-wild naturali tieghu.

Illi l-fatti premessi mill-attur jinsabu sodisfacentement provati, u r-rapport xjentifiku jissufraga t-tezi tieghu. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddicidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel G maghruf bil-kunjom B mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur;  u tordna li l-att tat-twelid tal-minuri jigi korrett fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------